



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Novembru 2023
(OR. en)

14772/23

CFSP/PESC 1445
CSDP/PSDC 729
EUMC 451
COAFR 380
EUTM SOMALIA 11
EUCAP SOMALIA 5
PSC DEC 52

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (EUCAP Somalia/1/2023)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2023/...

ta' ...

li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (EUCAP Somalia/1/2023)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/389/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

¹ ĠU L 187, 17.7.2012, p. 40.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/389/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) hu awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċizzju tal-kontroll politiku u tad-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia), inkluż id-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni, fuq proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (Rappreżentant Għoli).
- (2) Fit-13 ta' Diċembru 2022, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2538¹ li taħtar lis-Sur Kauko AALTOMAA bħala Kap tal-Missjoni ta' EUCAP Somalia mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (3) Fl-20 ta' Ottubru 2023, ir-Rappreżentant Għoli ppropona li jestendi l-mandat tas-Sur Kauko AALTOMAA bħala Kap tal-Missjoni ta' EUCAP Somalia mill-1 ta' Jannar 2024 sat-30 ta' April 2024,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2020/2538 tat-13 ta' Diċembru 2022 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (EUCAP Somalia/1/2022) (ĠU L 328, 22.12.2022, p. 98).

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Kauko AALTOMAA bħala Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaçità fis-Somalja (EUCAP Somalia) huwa b'dan estiż mill-1 ta' Jannar 2024 sat-30 ta' April 2024.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President
